# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Euro. Law)

***<u>Kump.97/99</u>***

***Il-Pulizija***

***Sp. Noel Cutajar***

***v***

***Oliver Vella***
***Massimo Mifsud***

Illum 28 ta' Frar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat fil-konfront tal-imputat **<u>Massimo Mifsud</u>**:-

Illi permezz ta' digriet mghoti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2001, saret separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Massimo Mifsud.

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra dan l-imputat jirreferu ghall-incident li sehh fis-7 ta' Frar 1999 u huma bazati fuq is-segwenti reati:

**Tentattiv ta' Serq kwalifikat bil-vjolenza u valur**;

**Sekwestru tal-persuna**;

**Offiza ta' Natura Hafifa**; u

**Ksur tal-liberta' kondizzjonata**.

***Kwadru tal-fatti***

Illi fis-7 ta' Frar 1999 ghal habta ta' nofs in-nhar hekk kif koppja ta' nazzjonalita Awstrijaka kienet qeda tippassiggja fl-inhawi ta' Delimara, dina giet attakkata minn zewg zaghzagh li pprovaw jiehdu l-*handbag* tal-mara. Iz-zewg turisti rresistewhom bil-konsegwenza li waqt l-aggressjoni r-ragel sofra griehi ta' natura hafifa f' rasu.

Illi sar rapport lill-pulizija li minn naha taghha, fuq deskrizzjoni mghotija mill-koppja tal-aggressuri, waslet ghall-arrest ta' l-imputat u zaghzugh iehor. Saret identification parade u z-zewg turisti gharfu lill-imputat bhala wiehed mill-aggressuri taghhom.

Illi l-imputat kemm fl-istqarrija tieghu lill-pulizija kif ukoll quddiem din il-Qorti cahad kategorikament u konsistentement l-involviment tieghu fl-incident, u sostna li dak il-hin f' din il-gurnata huwa kien mal-familja tieghu u ma kienx f' dawk l-inhawi. Huwa pproduca diversi xhieda in sostenn tal-versjoni tieghu.

Illi d-difisa minn naha taghha sostniet li seta' facilment sar zball da parti tal-koppja, stante li l-incident damm ftit minuti biss u dawn kienu that xokk; inoltre, l-istess vittmi qalu li qatt ma kienu raw lill-imputat u liz-zaghzugh l-iehor qabel

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehma li f' dan il-kaz jesisti konflitt dirett bejn il-versjoni tal-vittmi u dik tal-imputat li *ab intio*, kategorikament u konsistentement cahad l-involviment tieghu fil-kaz, u

pproduca xhieda in sostenn tat-tesi tieghu.  Dan il-konflitt huwa tali li jiggenera dubbju ragjonevoli favur l-imputat.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi kontra l-imputat Massimo Mifsud ma jistghux jreggu.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi ma ssibx lill-imputat hati skond l-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***